**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 23 ta' Mejju 2024**

**Kawża Numru: 4**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 243/2023 JVC**

**Mintoff Dylan u Kirsten Mintoff Pace, konjuġi (K.I. 130293M u 114294M) proprju u għan-nom u f'isem binhom minuri Logan Ray Mintoff**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Dylan Mintoff et talbu kif isegwi:

1. 'Illi, prelinarjament jiġi rilevat li dan ir-rikors qiegħed jiġi redatt u ppreżenatat lil dina l-Onorabbli Qorti *ai termini* tal-**Art. 253** *et seq.* tal-**Kodiċi Ċivili [Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta];**

2. Illi, l-atturi rikorrenti żżewġu nhar it-23.10.2021 ġewwa San Ġiljan, u li minn liema żwieġ twieled it-tifel nhar it-**23.12.2022** ġewwa l-isptar Mater Dei, l-Imsida fejn il-ġenituri xtaqu li l-wild jissemma **<u>Logan Mintoff Pace</u>** (emfasi tal-esponenti);

3. Illi minkejja li l-ġenituri riedu li l-wild ikun reġistrat bil-kunjom kif suriferit, il-minuri ġie rreġistrat bil-kunjom ***'Mintoff'*** biss u dan kif muri aħjar fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri, liema ċertifikat huwa ddatat **09.01.2023** li jġib in-numru **128442**, bin-numru progressiv **201**, kopja ta' liema ċertifkat huwa hawn anness u mmarkat bħala **Dok 'A'**;

4. Illi, l-kunjom li jidher fil-kolonna intestata *'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa u l-kunjom',* fit-tieni rig taċ-ċertifikat li huwa intestata *'Tagħrif dwar it-tarbija'* iġib l-isem **'Logan Mintoff';**

5. Illi, fil-kolonni dwar it-tagħrif tal-ewwel u t-tieni ġenitur, il-kunjomijiet riportati huma Mintoff u Mintoff Pace rispettivament filwaqt li l-isem tal-ġenitur li għamel id-dikjarazzjoni hija ta' Dylan Mintoff;

6. Illi, ir-rikorrenti jixtiequ u jridu li mal-kunjom tal-wild jiżdied il-kunjom 'Pace' sabiex il-kunjom tal-wild jaqra 'Mintoff Pace' minnflok 'Mintoff' biss;

Għaldaqstant, umilment jitolbu r-rikorrenti, a tenur tal-provi dokumentarji kollha hawn annessi, kif ukoll dawk il-provi kollha produċibbli fl-istadju opportun tas-smigħ ta' dan ir-rikors, sabiex

din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex:

1. Fl-att taż-żwieġ bin-numru 2189/2021 fil-linja fejn il-konjuġi ddikjaraw l-isem tal-familja tagħhom u l-kunjom tat-tfal futuri tagħhom wara l-kunjom Mintoff jiżdied ukoll il-kunjom Pace sabiex dan jaqra Mintoff Pace u fl-Att tat-Twelid bin-numru progressiv **201** liema Att huwa datat l-**09.01.2023** li jirreferi għat-twelid tal-minuri **Logan Mintoff** li seħħ nhar it-**23.12.2022**, fil-kolonna intestata isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa u l-kunjom u fir-rig intestat *'Tagħrif dwar it-Tarbija'* li tinsab fil-kolonna, jiżdied il-kunjom **'Pace'** wara l-kunjom 'Mintoff' biex il-kunjom sħiħ tal-minuri jkun jaqra **'Mintoff Pace**'; u konsegwentement;

2. Tordna li t-tibdil fl-Att ta' Twelid ta' **Logan Mintoff** jiġi rifless f'kull Att tal-Istat Ċivili relattiv għalih a tenur l-**Art 253(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

3. Tagħti kwalsijasi ordni jew direttiva li jidrilha opportuna u xierqa fiċ-ċirkostanzi.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

**1.** 'Illi in vena preliminari, għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi l-minuri għandu jkun fil-kawża tramite kuraturi deputati stante illi it-tibdil jaffetwa l-Att tat-Twelid tiegħu u għaldaqstant għandha issir korrezzjoni għal dan l-għan fl-okkju;

3. Illi mit-talbiet għandhu jitneħħa d-Direttur (Registrazzjoni Civili) stante illi skoont l-Artikolu 306(5) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta huwa biss l-esponent li għandu is-setgħa li jirrappreżenta r-Reġistru Pubbliku f'kull proċedura legali;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

5. Illi rigward **l-ewwel talba,** stante li skont l-Att taz-Żwieġ tar-rikorrenti u anke artikolu 4(5) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-minuri kellu jieħu bħala kunjom, l-isem tal-familja rifless fl-Att taz-Żwieġ ('Mintoff'), primarjament għandha ssir talba specifika sabiex jiġi korrett tali isem tal-familja fuq l-Att taz-Zwieg bin-numru 2189/2021 (vera kopja annessa u mmarkata **Dok. DRP1**).

6. Illi di piu, speċifikament ukoll dwar l-ewwel talba, r-rikorrenti għandhom jitolbu l-korrezzjoni f'din it-talba stante li kunjom il-minuri huwa rifless taħt il-kolonna *'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tigi msejha u l-kunjom'* u mhux taħt il-kolonna *'Ismijiet moghtija'* fl-Att tat-Twelid.

7. Illi dwar it-**tieni talba**, l-esponent jirrimetti ruħu salv illi jekk il-Qorti tilqa' l-Ewwel Talba, r-rikorrenti jispecifikaw l-Atti l-oħra ta' Stat Civili li għandhom jiġu korretti bin-numru progressiv u s-sena ta' kull wieħed, jekk ikun l-każ.

**8.** Illi finalment u mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu, tant illi anke d- dikjarazzjoni ta' notifika tat-twelid ai termini tal-Artikolu 292A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta magħmula u iffirmata mill-missier Dylan Mintoff tindika illi l-kunjom għandu jkun 'Mintoff' u mhux 'Mintoff Pace' (vide vera kopja tad-dikjarazzjoni anness u mmarkata **Dok. DRP 2**). **Għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;**

**9.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li minn issa inġunt in subizzjoni.'

Rat illi fuq talba tar-rikorrenti saru diversi korrezzjonijiet fir-rikors ġuramentat, b'dana illi wara li saru l-korrezzjonijiet id-Direttur intimat irtira t-tieni, it-tielet, il-ħames u s-sitt eċċezzjoni tiegħu;

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol 21 tal-proċess;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu rat iċ-ċertifikati annessi u esebiti mir-rikorrenti, rat id-dokumentazzjoni esebita mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku intimati minn fejn irriżulta li effettivament, oriġinarjament ir-rikorrenti għażlu l-kunjom Mintoff biss bħala l-isem tal-familja tagħhom. Rat l-affidavits tar-rikorrenti fejn iddikjaraw li hija x-xewqa tagħhom illi uliedhom ikollhom il-kunjom 'Mintoff Pace' u mhux biss 'Mintoff'.

Illi fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tqies illi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġi milqugħa.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad l-eccezzjonijiet rimanenti tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' it-talbiet tar-rikorrenti u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fl-att taż-żwieġ bin-numru 2189/2021 fil-linja fejn il-konjiġi ddikjaraw l-isem tal-familja tagħhom u l-kunjom tat-tfal futuri tagħhom wara l-kunjom 'Mintoff' jiżdid ukoll il-kunjom 'Pace' sabiex dan jaqra 'Mintoff Pace' u fl-att tat-twelid bin-numru progressiv 201/2023, liema att huwa datat 9 ta' Jannar 2023 li jirreferi għat-twelid tal-minuri Logan Mintoff li seħħ nhar it-23 ta' Diċembru 2022 fil-kolonna intestata *'isem jew ismijiet li bih jew bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa u kunjom'* fir-rig intestat

*'Tagħrif dwar it-Tarbija'* li tinsab fil-kolonna jiżdid il-kunjom 'Pace' wara l-kunjom 'Mintoff' biex il-kunjom sħiħ tal-minuri jkun jaqra 'Mintoff Pace' u konsegwentement tilqa' it-tieni talba u tordna illi t-tibdil fl-att tat-twelid ta' Logan Mintoff jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili relattiv għalih a tenur tal-artikolu 253(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**4.** Fiċ-ċirkostanzi in vista li d-Direttur intimat ma kellu l-ebda responsabbilita' f'dan it-tibdil, ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**23 ta' Mejju 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**23 ta' Mejju 2024**